Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 473/2013/1

**AIC Hector Zammit [I.D. 370966 M] (appellat)**

**Vs**

**Anthony Camilleri [I.D. 380433 M] (appellant) u b'digriet ta' dan it-tribunal datat 23 ta' Ottubru 2013 gew kjamati in kawza Editon sive Eddie Sciberras u Rita Giannetti (appellati)**

20 ta' Jannar, 2017.

Permezz ta' avviz tat-talba prezentat fid-9 ta' Awissu 2013, l-attur talab lit-Tribunal ghal-Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lill-konvenut Camilleri ihallas is-somma ta' elfejn u sbatax-il euro u tmenin centezmu (€2,017.80c) li jikkonsistu f'diversi servizzi rezi lill-konvenut mill-attur fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu ta' Perit Arkitett, u dan rigwardanti l-fond ossia porzjon art ta' hdejn il-Knisja ta' Santa Marija, Bubaqra, iz-Zurrieq. Bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' April 2013 sad-data tal-hlas, kif ukoll bl-ispejjez tal-proceduri odjerni, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, referenza 801/2013;

Permezz ta' risposta, l-intimat wiegeb:-

Illi preliminarjament jigi rilevat li l-attur gie nkarigat mill-intimat u minn terza persuna, certu Karmenu Sciberras, illum mejjet;

Illi effettivament, l-art relatata max-xoghol li sar mill-attur hija propjeta' in kwart ghal terz tal-intimat u in kwantu ghal zewg terzi tad-defunt Karmenu Sciberras;

Illi in vista tal-premess, ghandhom jigu kjamati in kawza l-eredi tad-defunt, u cioe' Editon sive Eddie Sciberras u Rita Giannetti;

Illi minghajr pregudizzju, l-ammont reklamat mill-attur fil-konfront ta' l-intimat huwa wiehed eccessiv;

B'sentenza tad-19 ta' Novembru, 2014 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, filwaqt li laqa' t-talba attrici, cahad l-eccezzjonijiet tal-intimat u lill-imsejhin fil-kawza lliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat;

Illi l-konvenut Camilleri appella mis-sentenza u l-aggravji jikkonsistu fis-segwenti:

i. In-nullita tas-sentenza ghaliex hemm zball fl-okkju u cjoe' zbalji fl-ismijiet tal-imsejhin fil-kawza u lanqas indikazzjoni tal-karta tal-identita.
ii. It-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi. Karmenu Sciberras kien involut b'mod dirett fin-negozjati li kienu ghaddejjin mal-attur.
iii. It-Tribunal ma ddecidiex skont l-ekwita.

Fis-26 ta' Dicembru, 2014 l-attur wiegeb fejn ta r-ragunijiet tieghu ghalfejn l-appell kellu jigi michud, fejn fil-qosor isostni li:

i. M'hemmx bazi biex is-sentenza tigi dikjarata nulla;
ii. L-attur inghata l-inkarigu mill-konvenut biss;
iii. Ma sarx xoghol hazin u ma tressqet l-ebda eccezzjoni li l-attur ghamel xoghol hazin.
iv. L-imsejhin fil-kawza kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghas-seduta tal-4 ta' Novembru, 2016 attendew il-partijiet u d-difensuri taghhom u saret it-trattazzjoni u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-qorti qrat l-atti.

**Konsiderazzjoni.**

**L-ewwel aggravju.**

Aggravju li gie ezawrit wara d-digriet moghti minn din il-qorti fit-28 ta' Jannar 2015 (fol. 20).

**It-tieni aggravju**.

L-appellant ilmenta mill-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal, li fis-sentenza qal:

*"It-Tribunal iqis illi l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas peress illi huwa ma kienx sid uniku tal-art u lil perit Hector Zammit ma' kkonsultahx wahdu. Dwar din l-eccezzjoni hareg car kemm mix-xhieda tal-attur kif ukoll mill-fatt illi l-kjamati in kawza li huma ulied Karmenu Sciberras li ghandu zewg terzi tal-art, kellhom perit ghalihom. Fl-opinjoni tat-Tribunal mhux verosimili illi Anthony Camilleri jhallas l-kwistonijiet ma Karmenu Sciberras u jmorru flimkien ghand perit wiehed. Huwa aktar kredibbli illi l-konvenut qabbad lil attur jahdimlu rapport. Infurmah illi hu mhux sid uniku u malli ma ghogbux ir-rapport prova jaqsam il-kont ma Karmenu Sciberras u pprova jhallas biss terz tal-kont. Dan ma jistax jigi negat jew konfermat minn Karmenu Sciberras peress illi llum gie nieqes.*

*Minkejja l-provi li gab il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu qal li ma jridx ihallas minhabba li x-xoghol sar hazin. Din lanqas biss kienet eccezzjoni mressqa fir-risposta tal-konvenut meta rrisponda ghall-kawza.*

*Fir-rigward tal-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza jidher car kemm mix-xhieda tal-perit taghhom kif ukoll tal-attur stess illi dawn ma nkarigawx lill-attur u lanqas jidher li nkarigah missierhom".*

Wara li l-qorti qrat l-atti minghajr ezitazzjoni tikkonkludi li l-appellant hu ferm selettiv ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. Hu minnu li fir-rapport datat 20 ta' Jannar 2012 li rrediga l-attur, kiteb:

*"I, the undersigned Perit, have been commissioned by Mr Anthony Camilleri* ***and the late Mr Carmelo Sciberras*** *to examine the purchasing and land subdivision contracts in relation to the property captioned above……."* (fol. 23).

Pero' meta xehed l-attur ghamilha cara li qatt ma nghata nkarigu minn Karmenu Sciberras u li zied isem Sciberras fuq insistenza tal-appellant. Sahansitra l-appellant stess xehed li kien **<u>hu</u>** li avvicina lill-attur u li, *"**<u>Jiena kont qabbadt il-perit Zammit</u>** cioe' l-attur il-Perit Hector Zammit biex nara jekk kinux dahlu fuqi fis-sehem tieghi u cjoe' bejni u bejn Karmenu Sciberras"* (fol. 42).

Fir-rikors tal-appell saret ukoll riferenza ghad-deposizzjoni ta' Joseph Camilleri, iben l-appellant. L-appellant argumenta li t-Tribunal skarta ghal kollox dik id-deposizzjoni. F'nota li pprezenta, ix-xhud jaghti x'jifhem li l-ewwel laqgha ghand il-perit kienet saret fis-26 ta' Mejju 2010 u qal li dakinhar kienu prezenti missieru u Sciberras. Pero' min-naha tieghu l-appellant xehed li meta mar l-ewwel darba ghand l-attur, kien wahdu (fol. 41). Ghalhekk dan juri nuqqas ta' qbil fil-verzjonijiet li taw. Ghalhekk il-qorti ma tistax tibbaza d-decizjoni fuq dak li xehed Joseph Camilleri. Ix-xhud xehed li skont ma kien qallu missieru fis-26 ta' Ottubru, 2010 kienet saret laqa' ghand il-perit Zammit li ghaliha kienu attendew missieru u Sciberras. B'daqshekk ma jfissirx li l-attur gie nkarigat minnhom it-tnejn. L-attur stess semma li, *"It-tieni darba li ltqajt mieghu kien gabu mieghu Anthony Camilleri fl-ufficcju tieghi u qabdu jiggieldu u jilletikaw tant illi kelli nibghathom 'l hemm"* (fol. 16). Fid-deposizzjoni ta' Joseph Camilleri saret ukoll kritika ghall-kwalita tax-xoghol li ghamel l-attur. Pero' kif osserva t-Tribunal, m'hemmx eccezzjoni dwar dan. Dan apparti li fis-seduta tat-18 ta' Frar 2014 il-konvenut xehed li ma riedx ihallas il-kont kollu ghaliex ried ihallas biss sehmu mill-kont. Kliem li mhuwiex kompatibbli ma' verzjoni li ma sarx xoghol sew.

Hekk ukoll mix-xhieda tal-imsejhin fil-kawza rrizulta li kien l-appellant li kien gharrafhom biex imorru jigbru karti minghand l-attur. Huma kkomunikaw mal-perit Anton Zammit, li kien perit ta' fiducja ta' missierhom, li cempel lill-attur u qallu li fil-pussess tieghu ma kellux karti taghhom. Min-naha tieghu l-attur ikkonferma li kienet saret dik it-telefonata u li kien qal lill-perit Anton Zammit li l-klijent tieghu kien l-appellant. Sahansitra xehed il-perit Anton Zammit li kkorabora dak li xehedu l-imsejhin fil-kawza (fol. 97). Provi li kollha jindikaw li ma kienx hemm relazzjoni guridika bejn l-attur u Carmelo Sciberras.

Il-qorti tkompli tosserva kif l-attur kien indirizza l-kont tal-hlas, datat 24 ta' Jannar 2012, lill-appellant (fol. 22). Kont li nhareg erbat ijiem wara r-rapport tal-20 ta' Jannar 2012. Fuq bazi ta' probabilita kieku l-attur kien gie nkarigat minn Sciberras ukoll, il-kont tal-24 ta' Jannar 2012 kien jinhareg ukoll f'isem Sciberras. Pero' fil-kont jissemma biss isem l-appellant. Lanqas m'hemm xi prova li l-attur qatt hareg u baghat xi kont f'isem Sciberras. Konsiderazzjonijiet li jkomplu jsahhu l-fehma tal-qorti li effettivament kien il-konvenut biss li nkariga lill-attur.

Mehud in konsiderazzjoni dawn il-provi l-qorti hi tal-fehma li t-Tribunal ma setax jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.